MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2009

Numru. 1176/2009

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR EDMOND CUSCHIERI**
**KONTRA**

**EUGENIO CAMILLERI**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Eugenio Camilleri ta’ 40 sena, bin Paul u Angela nee’ Vella, mwieled nhar is- 6 ta’ Lulju 1969 gewwa l- Imgarr, residenti fil- fodn Cae Glas, Triq Vitale, Mgarr u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 381369(M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli:

1) nhar id- 19 ta’ Ottubru 2009 ghall- habta tas-2.15pm fl- Mgarr, Malta hu volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjege haddiehor, u cioe’ fuq il-vettura tal- ghamla Volkswagen Golf bin- numru tar-registrazzjoni UTD 080 liema hsara, li saret ghad- dannu ta’ Malcolm Joseph Farrugia u jew persuni ohra, hija ta’ aktar minn €116.47 izda anqas minn €1164.69;

2) ukoll talli fl- istess data, hin u cirkostanzi hu bl-imgieba tieghu ikkaguna lil haddiehor, u cioe’ lil martu Charmaine Camileri, bizgha li ser tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta’ taghha jew kontra l- persuna jew il-propjeta’ ta’ xi hadd mill- axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl- Artikolu 222 (1);

3) talli wkoll fl- istess data, lok, hin u cirkostanzi u fil-granet u xhur ta’ qabel, f’ dawn il- Gzejjer b’ diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, izda li kienu jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, hu gab ruhu b’ mord li ta fastidju lil martu Charmaine Camilleri, u jew gab ruhu b’ mod li kien jaf jew li missu kien jaf li dak kien ta’ fastidju ghal martu Charmaine Camilleri;

F’ kaz ta’ htija l- Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex titratta lill- hati bhala recidiv b’ diversi sentenzi tal- Qorti li llum saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula, skond l-Artikolu 49 u 50 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi dan l-incident nibet kollu minhabba fis-separazzjoni bejn l-imputat u l-mara tieghu, li hija wahda apparentement animuza, kif ukoll minhabba fil-presenza tas-sieheb tal-mara, il-vittma tal-aggressjoni f' dan il-kaz. Din hija kwistjoni familjari li eskalat lil 'hinn mill-proporzjon, izda li b' xorti tajba ma kellhiex konsegwenzi aktar gravi. Mill-istqarrija tal-imputat, u mill-informazzjoni moghtija lill-Qorti, irrisulta li bejn l-imputat u Malcolm Farrugia kien hemm xi incident iehor ftit xhur ilu, fejn l-imputat gie aggredit hu minn Farrugia, u li fuq dan il-kaz hemm proceduri penali fuq dan. Il-kawza odjerna hija fl-invers u tittratta incident differenti li sehh aktar ricentement, u hemm il-possibilita' li l-hsara maghmula lil xulxin fiz-zewg incidenti tigi pacuta bejniethom minghajr il-htiega li jinstemghu l-provi. Jidher ukoll li l-imputat iddispjacih ta' ghemilu, u li ha t-taghlima necessarja fuq l-imgieba tieghu. In vista tal-ammissjoni tieghu, il-Qorti ser issibu hati, u kwantu ghall-piena, din ser tkun wahda ta' sentenza ta' prigunerija sospiza flimkien ma' ordni ta' hlas lill-vittma.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 325, 251B, 251A, 18, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lil imsemmi imputat hati u ghaldaqstant tikkundanah sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sena ai terminu tal- Artikolu 28A tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ hames mija u tlieta u tletin ewro (€533) lil Malcolm Joseph Farrugia fi zmien sitt (6) xhur ai terminu tal- Artikolu 28H tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Torbot inoltre lill-imputat b’ garanzija tieghu nnifsu favur Charmaine Camilleri ghal perijodu ta’ sena, taht penali ta’ hames mitt Ewro (500) ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il- Qorti spjegat il- portata tas- sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------